# ĦAJJITNA

# Nitwieldu



- Kulħadd imdawwar magħna
- Aħna ċ-ċentru tal-familja
- Kulħadd jagħmlilna kollox
- Kulħadd jagħtina dak li jkollna bżonn
- Ħajja kalma
- Nibdew niskopru l-ħajja



# Nikbru



- Nibdew nifhmu
- Skola
- Nistudjaw
- Nitgħallmu
- Nilagħbu



# Insiru żgħażagħ



- Niltaqgħu mat-tfajliet
- Noħorġu
- Niddevertu
- Ingawdu l-ħajja
- Ħajja t’avventura
- Nippreparaw għall-ħajja futura



# Nimmaturaw



- Nagħżlu s-sieħeb/sieħba
- Insibu x-xogħol
- Niżżewġu
- Ħajja mgħaġġla



# Inrabbu t-tfal



- Irridu nlaħħqu max-xogħol u l-familja
- Żewġ tipi ta' xogħol
- Ħajja ta' rutina
- Ħajja mgħaġġla



# Nixjieħu



- Inkunu għajjiena
- Ma jkollniex x’nagħmlu
- Nistennew il-ħin jgħaddi
- Inkunu waħedna
- Inħarsu  lejn l-oħrajn għaddejjin bil-ħajja tagħhom



# Ix-Xjuħ tar-Raħal

ta' **Joe Friggieri**

Fuq iz-zuntier
tal-knisja ewlenija
jinġabru x-xjuħ tar-raħal
u jħarsu bla jitħarrku
lejn l-ommijiet
iġorru l-basktijiet
bit-tfal ma’ djulhom





lejn it-tfajliet
bil-qomos marsusin
u lejn il-ġuvintur
moħbija fl-elmijiet
fuq il-muturi.







Jgħaddu mill-misraħ
wieħed wara l-ieħor
tal-ħobż u tal-ħalib
tal-posta u t-tabib






tad-dawl idur bil-ktieb

u tnejn iħabbtu l-bieb tal-arċipriet.





# Jitwalu d-dellijiet.



Mill-kampnar
tal-knisja ewlenija
fuq ras ix-xjuħ tar-raħal
qanpiena kbira ddoqq
it-trapassjoni.



## *Liema huma t-temi li joħorġu minn din il-poeżija?*

**IS-SOLITUDNI**

- Ġieli ħassejtek waħdek?
- Kif tispjega dak li jista' jħoss min ikun waħdu?

## IX-XJUĦIJA

- Għandek xi membri tal-familja tiegħek li huma xjuħ?
  Xi nannu jew nanna, jew xi ħbieb tagħkom?
- Kif taħseb li jħossuhom, issa li kibru u m'għadhomx attivi fil-ħajja?

## Il-kuntrast bejn iż-żgħażagħ u x-xjuħ

- Qatt ħsibt li dawk ix-xjuħ xi darba kienu żgħażagħ ukoll?

- Ġieli taħseb li anke int trid tixjieħ xi darba fil-bogħod?

# Il-Metrika

- Poeżija moderna
- Strofi ta' tul differenti
- Versi ħielsa
- Rima varjata
- Ritmu li juri rutina u monotonija

# Enjambment

"Fuq iż-żuntier
tal-knisja ewlenija
jinġabru x-xjuħ tar-raħal
u jħarsu bla jitħarrku ..."

# Alliterazzjoni

"tal-ħobż u tal-ħalib
tal-posta u tabib
tad-dawl idur bil-ktieb"

# Metafora

"fuq ras ix-xjuħ tar-raħal
qanpiena kbira ddoqq
it-trapassjoni."